# L-Iżvilupp Piroteknku f'Ħal Qormi sal-Bidu tat-Tieni Gwerra Dinjija

minn Dr Joseph F. Grima



Il-ħsieb ewlieni tiegħi, f'din it-taħdita qasira, hu li nqiegħed quddiem għajnejkom is-sehem li kellhom id-dilettanti tan-nar Qormin f'dak li nistgħu nirreferu għalih bħala l-iżvilupp fis-sengħa tal-piroteknika f'pajjiżna. Dan ser narawh l-aktar mill-mod kif użaw u sfruttaw l-abbiltajiet ta' numru ta' esperti Taljani f'dan il-mestier u wkoll kif Ħal Qormi, b'kumbinazzjoni jew mhux, ta sehmu għan-nomenklatura, jew ismijiet, popolari ta' almenu żewġ tipi ta' logħob tan-nar tal-ajru. Iżda l-ewwel irridu mmorru lura fiż-żmien u nagħtu ħarsa lejn l-anteċedenti biex minnhom naslu għal dan l-iskop tiegħi.

## L-Anteċedenti

Jekk immorru lura ftit sekli fiż-żmien, jiġifieri fil-perjodu tal-ħakma tal-Ordni ta' San Ġwann, insibu li l-Kavallieri kienu jinkludu l-logħob tan-nar fiċ-ċelebrazzjonijiet tagħhom. Iżda dan ma kienx estiż għall-festi tal-irħula fejn iċ-ċelebrazzjonijiet kienu għadhom pjuttost primittivi. Madankollu, sas-seklu tmintax kien daħal l-isparar tal-maskli, użanza li baqgħet fostna l-Maltin sas-seklu għoxrin, u li xi eżemplari minnhom għad nistgħu narawhom fil-mużew parrokkjali. Fl-ewwel nofs tas-seklu dsatax, kien hawn influss pjuttost qawwi ta' refuġjati Taljani fi żmien it-taqbida għall-unità tal-Italja u dawn ġabu magħhom ideat ġodda li rriżultaw, fost ħwejjeġ oħra, fil-formazzjoni ta' każini tal-baned organizzati u wkoll it-tixrid ta' logħob tan-nar elaborat.

Dan hu rifless ukoll fl-andament tal-iżvilupp tan-nar fil-festa ta' San Ġorġ. M'għandniex f'idejna dettalji ta' nies u deskrizzjonijiet tan-nar iżda hu magħruf li fl-1891 kien hawn logħob tan-nar f'sitt postijiet differenti. Is-sena 1903 kienet sena ċentinarja mill-martirju ta' San Ġorġ u nafu li ċ-ċelebrazzjonijiet kienu jinkludu logħob tan-nar f'ħames bnadi u li ttellgħu 2000 murtal. Hu magħruf ukoll li d-dilettanti tan-nar kienu jinġemgħu fil-*Casino Vallone* li kienet dar fil-wied, faċċata tat-telgħa ta' Fuq Tal-Blat.

## Ko-Ordinazzjoni

Fl-1919 ġie ffurmat il-Kumitat Festi Esterni li fil-bidu tal-1923 kellu laqgħat mad-dilettanti tan-nar tal-*Casino Vallone* u fl-4 ta' Frar integraw flimkien iż-żewġ għaqdiet bl-iskop li jogħla l-livell tan-nar fil-festa ta' San Ġorġ. Għaldaqstant kienu avviċinati tliet mgħallmin li kienu Antonio Caruana, Carmelo Abela u Salvatore Cassar biex jaħdmu n-nar. Mir-reġistri tal-Kumitat Festi Esterni, jidher ċar li fl-1923 kienet diġà teżisti kamra tan-nar fuq art li kienet tapparteni lill-Fratellanza tas-SS. Sagrament. Sfortunatament, lejlet il-festa tal-1924, kellna

l-ewwel mewt reġistrata li rriżulta min-nar meta miet Kelinu Zammit (*Ta' Xiffa*) kaġun ta' murtal.

## Il-Miġja tal-Ewwel Esperti Taljani

Fl-1926 kien hawn żvilupp importanti li ttrasforma s-sistema tan-nar mhux biss f'Ħal Qormi iżda wkoll f'Malta meta bdew jinġiebu piroteknići esperti Taljani biex jaħdmu n-nar tal-festa. Il-kuntatti neċessarji għamluhom Dun Vinċenz Borg u Dun Ġwann Porsella Flores u l-ewwel riżultat kien il-miġja ta' Filippo Caffarelli minn Catania li tħallas paga ta' nofs lira (ewro u 16.5 ċenteżmi tal-lum) kuljum biex immanifattura n-nar tal-festa f'erbgħin jum. L-esperiment bil-fors kien suċċess għax reġgħu saru kuntatti simili għall-festa tal-1927. Intlaħaq ftehim ma' Alfio Samperi u mill-ġdid ma' Filippo Caffarelli dwar x'kellu jinkludi l-programm tan-nar. Waħda mill-biċċiet tan-nar tal-art kellha tkun xogħol mekkanizzat bix-xbieha ta' San Ġorġ fuq iż-żiemel. In-nar tal-art kien deskritt bħala kbir fil-waqt li dwar il-murtali nkiteb li kienu artistiċi u li nħadmu fuq l-istil *Bajocchi*. Sfortunatament, il-kamra tan-nar inqerdet fix-xitwa tal-1928 bil-maltemp iżda malajr ittellgħet mill-ġdid mill-imgħallem Ġorġ Cassar (*Ta' Mastranġ*) tant li fil-festa tal-1928 kien hemm programm sħiħ ta' nar tal-art u murtali li nħadmu minn Alfio Samperi (li diġà semmejnieh) u l-kon-nazzjonal tiegħu Carlo Famoso li kien qed juri ħiltu għall-ewwel darba f'Malta.



Eżemplari ta' maskli tal-bronż li kienu jintużaw fil-festa ta' San Ġorġ u li llum qegħdin fil-Mużew Parrokkjali. (Ritratt: J.F. Grima)

Għedna li l-miġja tal-piroteknići Taljani ttrasformat is-sistema tan-nar f'Malta u ngħidu għaliex. Dak iż-żmien, il-murtali tal-kulur bi ftuħ u qisien differenti flimkien mal-biċċiet mekkanizzati tan-nar tal-art kienu ħwejjeġ kompletament ġodda għall-gżejjer Maltin u, naturalment, kienu bosta dawk in-nies li bdew jiġu Ħal Qormi biex igawdu dan l-ispettaklu. Hemm awtur li saħansitra kiteb li kien ikun hawn madwar 20,000 ruħ fil-wied ta' Ħal Qormi jsegwu n-nar tal-art. Hi ħaġa ovvja wkoll li lokalitajiet oħrajn imitaw lil Ħal Qormi u ngaġġaw piroteknići barranin biex itejbu l-prodott tagħhom. Iżda jibqa' l-fatt li Ħal Qormi kien l-ewwel post li seħħlu jagħmel din il-qabża importanti fil-kwalità tan-nar li beda joffri. Anzi, kif ser naraw aktar 'il quddiem, il-Belt Pinto reġgħet kienet fl-ewwel post li introduċiet affarijiet oħra.

## Sehem id-Dilettanti Qormin

Id-dilettanti Qormin kienu jgħinu lit-Taljani fix-xogħol tagħhom, għajnuna importanti ħafna biex in-nar jilħaq jinħadem kollu sal-festa li dak iż-żmien kienet iċċelebrata fit-23 ta' April, jew f'data qrib skont kif kien jaħbat l-Għid il-Kbir. Iżda l-Qriema mhux biss għenu imma tgħallmu wkoll is-sengħa tat-taħlit kif ukoll akkwistaw diversi riċetti. Kemm tgħallmu tajjeb joħroġ ċar mis-sehem tagħhom fl-ispettaklu tan-nar li nħaraq fl-1929. Apparti gara li saret bejn l-aħwa tewmin Tonna u Filippo Caffarelli lejlet il-festa, inħaraq ukoll xogħol ta' Alfio Samperi u Carlo Famoso flimkien mal-logħob tan-nar tal-art ta' Enriku u Espeditu Camilleri flimkien ma' tapit finali tal-għeluq li nħadem minn ċertu Nazzarenu. Inżidu magħhom lil Ġużeppi Ellul,



Fi Triq San Ġwakkin: ġebla ta' tifkira tal-mewt traġika ta' Kelinu Zammit kaġun ta' murtal li ġrat fis-27 ta' April 1924. (Ritratt: J.F. Grima)

Carmelo Sammut (*iż-Żepp*), u Ġużeppi Caruana (*l-Bezzi*) li taw sehemhom ukoll. Dwar il-gara ta' lejlet il-festa, insibu li l-aħwa Tonna kellhom murtali tal-kulur bi tliet fetħiet segwiti minn wirja ta' Caffarelli.

## L-Ewwel Kaxxa Infernali tal-Kulur f'Malta

Fl-1930, inġiebu għall-ewwel darba f'Malta żewġ Taljani oħra: l-aħwa Giacomo u Ignatio Potenzone minn Messina li sentejn qabel kienu rebħu premju f'wirja piroteknika f'Milan. Reġa' ġie wkoll Filippo Caffarelli u nħaraq ukoll xogħol ta' tliet dilettanti oħrajn Qriema li kienu Carmelo Cassar (*Żgiċċi l-Lampi*), Giovanni Micallef (*il-Beċċun*) u Ġużeppi Coleiro. Iżda forsi għandna nagħtu importanza partikolari lis-sena 1932 meta f'Malta sar logħob tan-nar li qatt qabel ma kien deher bħalu f'pajjiżna. Il-protagonisti kienu l-aħwa Potenzone mgħejjunin mid-dilettanti Qriema li lejlet il-festa, fit-22 ta' April 1932, taw wirja piroteknika mill-aqwa b'għoxrin murtal tal-kulur, logħob tan-nar tal-art mekkanizzat u, biex nikkwota dak li nkiteb fil-programm uffiċjali, "final l'actar sabiħ u fantastiku li katt ma deher bħalu." Tafu x'kien dan il-final? Kaxxa infernali tal-kulur! **Din kienet l-ewwel darba li fil-gżejjer Maltin ittellgħet kaxxa tal-kulur u kellu jkun Ħal Qormi li kiseb dan l-unur.**

## Lejn Tmiem it-Tielet Deċennju tas-Seklu Għoxrin

Il-Malti jgħid li "bla flus la tgħannaq u lanqas tbus". U hawn inżidu li lanqas ma tipproduċi wirjiet pirotekniċi. Għaldaqstant m'għandniex ninsew lil dawk in-nies li kienu jseffqu wiċċhom biex jiġbru l-fondi neċessarji biex jitħallsu l-ispejjes u li fosthom jissemmew Antonio Azzopardi (*l-Bosin*) u Salvu Sammut (magħruf bħala *l-Gori*). Id-dilettanti tan-nar Qormin tul is-sena kienu wkoll jaħdmu n-nar kemm għall-festi sekondarji ta' Ħal Qormi stess kif ukoll għall-festi titulari u sekondarji ta' rħula u bliet oħrajn biex il-bilanċi li kienu jibqgħu minn dawn l-ordnijiet jintużaw kollha għall-ispejjeż tal-festa ta' San Ġorġ biex din dejjem tikber u ssir aktar popolari mal-pajjiż.




Is-santa tal-mewt ta' Kelinu Zammit.

Fl-1934, in-nar għal-lejlet u nhar il-festa inħadem minn Taljan ieħor, Salvatore Grasso, li miegħu ħadmu wkoll id-dilettani Qriema fosthom Ġammarì Arapa, magħruf bħala Ġamri *l-Bully* minħabba l-kwalità fina tax-xogħol li kien jipproduċi. Kull wieħed minn dawn it-tnejn tella' sett murtali tal-kulur u kaxxa nfernali. Fis-snin 1935 u 1936 reġa' ġie f'Ħal Qormi Ignatio Potenzone li f'din l-aħħar sena tħallas ta' 65 jum xogħol. Iżda issa l-dilettttanti Qriema kienu saru jikkompetu sew mat-Taljani u dan deher ċar fil-festi kbar tal-1936 meta ġiet iċċelebrata dak li kienu jaħsbu kien il-ħames ċentinarju tat-twaqqif tal-parroċċa San Ġorġ iżda li llum ir-riċerka moderna wriet li kienet idea żbaljata. Sa din is-sena, il-ħruq ta' kaxex Spanjoli u tal-kulur kienu saru regolari f'Ħal Qormi u kienu jittellgħu prattikament tul ir-rotta kollha tal-purċissjoni. Is-sena 1936 kienet l-aħħar darba li ġew ingaġġati l-esperti Taljani u dan kien, fil-fehma tiegħi, riżultat ta' żewġ

fatturi: l-ewwel, minħabba l-livell għoli li kien irnexxielhom jilħqu d-dilettanti Qormin fix-xogħol pirotekniku u t-tieni, minħabba s-sitwazzjoni politika fl-esteru meta l-Italja kienet qed tiffaċċja sanzjonijiet ekonomiċi imposti mil-Lega tan-Nazzjonijiet wara li l-Italja invadiet l-Abbisinja.


PROGRAMMA
TAL CBIR
CONCORS
Tal Logħob tan-Nar
BEJN IL PROFESSURI
IGNAZIO POTENZONE
U
GIACOMO POTENZONE
TA MESSINA
Fis-Serata tat
22 TA APRIL 1932
Fl'occasioni tal Cbira Festa ta
SAN GIORG M.
F'HAL KORMI.
ELLUL'S PRESS

Il-qoxra tal-programm uffiċjali tan-nar li nħaraq lejlet il-festa ta' San Ġorg fl-1932.

## Ismijiet

Niġu issa għal żewġ ismijiet u nibdew appuntu minn kif il-batterija tal-kulur saret magħrufa bħala "kaxxa infernali". Bħalma diġà aċċennajna, Dun Vinċenz Borg kien għamel il-kuntatti neċessarji biex inġiebu t-Taljani u kien talab biex jikkomunikaw flimkien numru mhux ħażin ta' murtali biex jisparawhom wieħed wara l-ieħor. Appena tawhom n-nar, Dun Vinċenz qal "*Cosi` l'inferno*". Minn hemm, **in-nies bdew jgħidulha kaxxa infernali** u l-isem sar popolari tista' tgħid ma' Malta kollha.

U nagħlaq b'isem ieħor, ċioè min fejn ħadet isimha l-hekk imsejħa Kaxxa Spanjola. Kienet is-sena 1936 meta faqqgħet il-gwerra ċivili tassew qalila fi Spanja. Fl-istess sena, waqt xi provi tan-nar kienu kkomunikaw flimkien għadd ta' murtali li minnhom joħorġu numru ta' bombi iżgħar u tawhom in-nar. Ir-riżultat hu, bħalma nafu lkoll, qishom azzarini qed jisparaw flimkien jew wieħed wara l-ieħor. Fost in-nies preżenti kien hemm Antonio Azzopardi (*il-Bosin*) li qal li "Qisha l-batterija Spanjola" billi bosta nies kienu jsegwu l-aħbarijiet dwar il-ġlied qalil li kien hemm fi Spanja. U minn hemm, **din it-tip ta' batterija ħadet in-nomenklatura ta' Kaxxa Spanjola**, isem li nfirex ma' Malta kollha.


PROGRAMMA

Fl'10 precisi jisparau xi bombi bhala avvis biex in-nies tinglabar fl Piazza Vallone.

Fl'10.15 precisi il Prof. Ignazio Potenzone jispara 10 murtali ta culur ta daks u ftuh differenti chif ucoll uiehed mhux bhall'iehor.

Bomba ohra tati sinjal li spicciau il mortali ta Ignazio Potenzone.

Immediatament bomba ohra thabbar il mortali tal culur, 10 fin-numru tal Prof. Giacomo Potenzone ucoll colla differenti.

Bomba ohra thabbar il-tmiem tal mortali tal culur.

Uara li icunu spicciau il mortali tal culur Prof. Ignazio jati in nar tal loghob tighu li jicconsisti f'sitt irdieden colla differenti bhal ma huma:

1 Tigrija tal bicycles
2 Patisi isinn is-schiechen
3 L'arblu ta Meiju
4 Rota tal Musaic
5 Rota indiavolata
6 Rota fantastica
7 Villa fuk in-naturali

✱ Fl'ahhar icun hemm final l'actar sabich u fantasticu li katt ma deher bhalu.
Il Cumitat.

✱ Il-Kaxxa Nfernali:

Id-dettalji tal-programm tan-nar ta' lejlet il-festa ta' San Ġorġ fl-1932. Il-kelmiet "Il-Kaxxa Nfernali" bil-kaligrafija ta' Ġużè Azzopardi (Ta' Żbari) inkitbu biex jiftakar li l-final li tħabbar li katt ma deher bħalu kienet l-ewwel kaxxa nfernali tal-kulur li qatt dehret f'Malta.

Mal-bidu tal-Tieni Gwerra Dinjija, li laħqet lil Malta fl-1940, ma sarux iżjed festi ta' barra, anzi l-post tan-nar u l-imħażen tiegħu kienu rekwiżizzjonati bħala *depot* fejn inħażen xi munizzjon tal-gwerra. Wara tmiem il-gwerra, l-istorja tal-piroteknika f'Ħal Qormi kompliet miexja 'l quddiem iżda jien ser nieqaf hawn għax dik hi storja oħra.

**Nota:** Inqrat mill-awtur waqt l-Akkademja Mużiko-Letterarja li saret fit-3 ta' Mejju 2011.